MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 196/1999/1

Georgina Gauci .

vs

Gozo Retail Services Limited.

Il-Qorti ,

Rat iċ-Citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi l-attriċi kienet giet impjegata mas-socjeta' konvenuta bhala shop assistant b'kuntratt li sar fid-dsatax (19) ta' Settembru elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), ghal perjodu ta' tliet (3) snin – *kuntratt ta' impieg esebit u markat A ;*

Illi l-kuntratt ta' impieg kien gie sussegwentement imgedded bl-istess kundizzjonijiet ghal perjodu iehor ta' tliett snin wara d-dsatax ta' Settembru elf disa' mija u

sebgha u disghin (1997) fis-sehh sad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) .

Illi fid-dekors tat-tieni perjodu kuntrattwali s-socjeta' konvenuta temmet da parti taghha l-impieg tal-attrici fl-ghoxrin (20) ta' Jannar elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u cioe' ghoxrin xahar qabel ma kellu jintemm il-perjodu stabbilit fil-kuntratt ;

Illi l-attrici baqghet ma rceviet ebda kumpens minghand is-socjeta' konvenuta minkejja li s-socjeta' konvenuta hija marbuta bil-kuntratt li thallas f'kumpens lil dak l-impjegat li ttemmlu l-impieg tieghu qabel dak pattwit fil-kuntratt, skomma ekwivalenti ghal nofs il-paga ghal dak il-perjodu li jkun fadal bejn meta jigi mitmum l-impieg sa meta jintemm il-perjodu stabbilit fil-kuntratt ;

Illi l-agir taghha s-socjeta' konvenuta aggixxiet bi ksur tal-obbligi kuntrattwali taghha kif ukoll temmitilha l-impieg taghha minghajr ma taghat lill-attrici avviz tat-temm tal-impieg taghha bi ksur ukoll tal-Att li jirregola l-Kundizzjonijiet tal-Impieg ;

Illi l-attrici trid li tigi kkumpensata minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta ;

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas lill-attrici l-kumpens gust dovut lill-attrici minhabba t-temm tal-impieg da parti tal-istess socjeta' konvenuta, hija baqghet inadempjenti .

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li huwa dovut lill-attrici kumpens minghand is-socjeta' konvenuta minhabba li l-impieg taghha mas-socjeta' konvenuta gie terminat mill-istess socjeta' konvenuta qabel iz-zmien pattwit fil-kuntratt ;

2. Tillikwida l-kumpens gust dovut lill-attrici minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tas-

socjeta’ konvenuta u dan bil-mod kif stabbilit fl-istess kuntratt ;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici l-kumpens gust hekk likwidat .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tad-9 ta’ Settembru, 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn isaa s-socjeta’ konvenuta hija mharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attrici mahlufa minnha .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi :

1. Preliminarjament hemm il-*lis alibi pendens* billi dwar l-istess mertu gia jezistu proceduri kriminali li kif tistabilixxi l-Ligi ghandhom anki effetti civili .

2. Illi huwa kkontestat li l-attrici kienet impjegata that kuntratt ta’ impieg definit .

3. Illi t-temm ta’ l-impieg sehh ghal ragunijiet validi attribwibbli unikament ghall-attrici u dan kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kawza .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' konvenuta debitament mahlufa minn John Saliba .

Rat il-verbal taghha ta' l-1 ta' Lulju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tikkumpensaha ghat-terminazzjoni ta' l-impieg taghha ma' l-istess socjeta' qabel iz-zmien stipulat . B'verbal tal-5 ta' Dicembru 2003, il-kontendenti ddikjaraw illi fil-mori tal-kawza l-attrici thallset dak li kien dovut lilha, imma baqghu ma ftehmux dwar l-ispejjez .

Is-socjeta' konvenuta kienet eccepiet preliminarjament il-*lis alibi pendens,* billi dwar l-istess mertu kienu gia jezistu proceduri kriminali li kif tistabilixxi l-ligi kellhom ukoll effett civili . Mhux kontestat illi dawn il-proceduri kriminali kienu gew intavolati qabel ma giet prezentata l-kawza odjerna . L-attrici tikkontendi pero' illi z-zewg proceduri huma, skond il-ligi, totalment distinti u ndipendenti minn xulxin, u dana kif jistipula l-artikolu 6 tal-Kap. 9 . Allura ma kien hemm xejn xi jzommha milli tiftah din il-kawza ghad-danni kontra s-socjeta' attrici .

Fil-kazijiet normali ghad-danni kien ikollha ragun l-attrici targumenta b'dan il-mod, ghax fil-kawza kriminali l-imputat jista' jigi penalizzat b'piena monetarja jew karcerarja u d-danneggjat bl-ebda mod ma jigi kkumpansat u r-rimedju ghalieh jista' jsibu biss fil-kamp civili . Imma f'kazijiet simili ghal dak in ezami, l-ligi relattiva stess (il-Kap. 135) tistipula illi f'kaz ta' htija l-*employer,* apparti l-multa jigi kkundannat ukoll ihallas l-ammont dovut lill-impjegat, u din il-kundanna tkun esegwibbli daqs li kieku tkun inghatat f'kawza civili . Dan huwa appuntu dak li gara fil-kaz in ezami, ghax John Magro, imputat fil-kawza kriminali bhala direttur tas-socjeta' Gozo Retail Services Limited, konvenuta fil-kawza prezenti, kien gie kkundannat mill-Qorti Kriminali t'Ghawdex ghal multa Lm50 u ordnat ihallas lill-attrici is-somma ta' Lm2240.25, liema sentenza giet konfermata fl-Appell . L-attrici dehret sodisfatta bl-ammont likwidat minn dik il-Qorti u nfatti accettatu u ma komplietx tinsisti ghat-talbiet taghha fil-kawza prezenti .

M'hemmx dubbju illi l-attrici meta ntavolat din il-kawza kienet taf bil-kawza kriminali . Anzi kawzi bhal dawn normalment jigu istitwiti fuq rapport tal-parti lesa stess . Huwa minnu illi minhabba li l-piz tal-prova fil-kamp kriminali u f'dak civili huwa differenti, jista' jaghti l-kaz illi

anke f'kawzi bhal dawn l-imputat jigi liberat, filwaqt illi jinstab illi kellu tort fil-kawza civili . Imma sabiex isserrah mohha ghal xi eventwalita' simili, l-attrici ma kellhiex ghalfejn tipprocedi b'din il-kawza kwazi kontemporanjament mal-kawza kriminali . Setghet facilment stenniet l-ezitu finali ta' dik il-kawza, u ssalvagwardjat id-drittijiet taghha ghall-fini tal-preskrizzjoni b'ittra ufficcjali li kienet tigi mgedda minnn zmien ghal zmien skond il-kaz .

Jirrizulta ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti illi din il-kawza kienet intempestiva u gialadarba l-attrici zgur li qatt ma setghet tithallas darbtejn dwar l-istess pretensjoni, setghet stenniet l-ezitu tal-kawza kriminali u mbaghad, f'kaz biss ta' liberazzjoni ta' l-imputat, tipprocedi b'din il-kawza . Ghall-konsegwenzi tal-herqa zejda taghha biex tintavola din il-kawza, hekk malajr wara li kienet ghadha kemm gietypprezentata l-kawza kriminali dwar l-istess kwistjoni, m'ghandu jbati hadd aktar hlief l-attrici.

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi dwar il-kap ta' l-ispejjez, billi tiddecidi illi dawn ghandhom ikunu kollha a karigu ta' l-attrici .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------